MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G MANGION

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 255/2012

**A B sive C**
**vs**
**Direttur tar-Registru Pubbliku u l-Avukat Henry Antoncich u Prokuratur Legali Mario Bonnici li permezz tad-digriet tal-21 ta' Mejju 2013 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw l-eredi mhux maghrufa ta' E B, l-Avukat Patrick Valentino u Prokuratur Legali Victor Bugeja li permezz tad-digriet tal-21 ta' Mejju 2013 gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw l-eredi mhux maghrufa ta' D B u l-Avukat Martin Fenech u Prokuratur Legali Katrina Zammit Cuomo li permezz tad-digriet tal-21 ta' Mejju 2013 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw l-eredi mhux maghrufa ta' F C**

**Il-Qorti**
**Preambolu**
Rat ir-rikors guramentat tal-attur A B pprezentat fil-5 ta' Novembru 2012 li permezz tieghu wara li ppremetta:

1. Illi r-rikorrent twieled fil-21 ta' Mejju 1935 bhala A B kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid ;

2. Illi omm ir-rikorrent hija E B;

3. Illi fuq dan l-att ta' twelid nru. 3978/1935 missier r-rikorrent gie mnizzel bhala certu D B dan minhabba l-prezunjoni li min jitnissel fiz-zwieg hu prezunt li hu l-wild il-konjugi kif kontemplat fl-artikolu 67 tal-Kodici Civili;

4. Illi pero il-missier naturali tar-rikorrent mhuwiex D B izda certu F C;

5. Illi fil-fatt fit-testment ta' F C, fl-atti tan-nutar Dr George Cassar datat 8 ta' Lulju 1966, F C nnommina bhala werriet universali lir-rikorrent. B'hekk F C irrikonoxxa lill-esponent bhala t-tifel tieghu.

6. Illi maz-zmien l-attur kien sar maghruf bhala b'kunjom 'C' tant illi anke l-karta ta' identita' tieghu turi dan il-kunjom kif jirrizulta;

Talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-attur huwa iben F C.

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tar-rikorrent billi, f'dik il-parti dedikata ghad-dettalji ta' missieru, fejn hemm miktub isem u kunjom missier it-tarbija, l-isem 'D B' jigi sostitwit b' 'F Badacchino'; fejn hemm miktub il-professjoni ta' missier it-tarbija, flok "fish monger" jitnizzel "impjegat"; fejn hemm miktub fejn joqghod flok "Rabat" jitnizzel "Gudja"; fejn hemm imnizzel "Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet" (missier il-missier tat-tarbija), flok "F (alive)" jitnizzel "Joseph C (alive)";

Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attur u l-elenku tad-dokumenti prezentati inkluz it-testment ta' F C;

Rat id-digriet datat 21 ta' Mejju 2013 fejn l-Avukat Dottor Henry Antoncich u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw l-eredi mhux maghrufa ta' E B u dan ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat id-digriet datat 21 ta' Mejju 2013 fejn l-Avukat Dottor Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw l-eredi mhux maghrufa ta' D B u dan ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat id-digriet datat 21 ta' Mejju 2013 fejn l-Avukat Dottor Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Katrina Zammit Cuomo gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw l-eredi mhux maghrufa ta' F C u dan ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha ssottometta s-segwenti:

1. Illi qed jigi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita ta' A B, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 70A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla hsara ghall-premess f'kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrent, l-esponent jinvita lil intimati eredi ta' F Baldacchio sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjament (1) dokument ta' l-Identita' (2) l-eta' tieghu meta twieled it-tifel A, (3) il-post tat-twelid tieghu meta twieled l-imsemmi tifel. Tali informazzjoni hija mehtiega biex eventwalment jigu inseriti fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit A B bin-numru ta' registrazzjoni progressiv 3978 tas-sena 1935;

3. Illi bla hsara ghall-premess, f'kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti l-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi r-rikorrent A a tenur tal-Artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi bla hsara ghall-premess, f'kaz li din l- Onorabbli Qorti, tilqa' it-talba tar-rikorrent huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem "D B" senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att ta' twelid bin-numru ta' registrazzjoni 3978 tas-sena 1935;

5. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista ta' xhieda tad-Direttur;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Iikkunsidrat:

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qieghed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li kontra dak li hemm indikat fl-Att tat-Twelid tieghu bin-numru 3978/1935 fejn huwa registrat bhala wild il-konvenut D B, fil-fatt huwa iben il-konvenut F C.

**Provi**

Mill-atti jirrizulta illi E B, omm l-attur, kienet izzewget lil D B. Ghalkemm l-attur ma pprezentax kopja tac-certifikat

taz-zwieg taghhom, iz-zwieg ta' bejn il-konjugi B jirrizulta mill-Att tat-Twelid tal-attur.[1].

Skont l-attur ommu u zewgha ma damux wisq flimkien. Infirdu u hi bdiet tikkoabita ma' F C u minnu kellha lill-attur. L-attur twieled fil-21 ta' Mejju 1935. Peress li jidher li fil-mument li twieled l-attur, E B u zewgha ma kienux isseparaw legalment izda biss *de facto*, fuq l-Att tat-Twelid tal-attur il-missier tnizzel D B qua ir-ragel ta' E B.

Fit-testment tieghu datat 8 ta' Lulju 1966[2], F C stipula s-segwenti:

'*It-testatur ihalli l-usufrutt ta' gidu kollu, presenti u futuri, mobili w immobili lil E mart F B, minnu legalment separata.'* u fit-tielet artikolu stipula *'It-testatur jinnomina bhala werrieta universali u padruni assoluti ta' gidu kollu lil uliedu u l-ulied l-istess E B, li jisimhom Maria, mart Francesco Caruana, A, Giovanna, mart Anthony Rolse, Nicola u Giuseppa ahwa indaqs bejniethom bid-dritt tal-akkrexximent u bis-sostituzzjoni tar-rispettivi uliedhom. It-testatur jiddikjara illi huwa m'ghandux ulied ohra hlief dawk l-ulied gia fuq indikati li twieldu mir-relazzjoni tieghu ma' l-imsemmija E B.'*

F C miet fil-21 ta' Marzu 1967. Fic-certifikat tal-mewt tieghu[3] hemm indikat illi huwa miet armel u li martu kien jisimha MaryAnn nee' Sultana.

Ghalkemm fid-diversi dokumenti u certifikati pprezentati mill-attur missier l-attur jidher bhala D B, dokumenti ohra jindikawh bil-kunjom C.

Jghid hekk l-attur fix-xhieda tieghu:-

"Jien twelidt minn relazzjoni illi ommi……….huwa missieri."[4]

---

[1] Folio 4 Certifikat tat-Twelid ta' A

[2] Folio 5

[3] Folio 77

[4] Folio 69

Iben l-attur xehed li dejjem kien jaf lil missieru bhala b'kunjom C u *'naf li missieru kien jismu F C u mhux D B.'*

**Ermelinda Zahra**, Direttur tar-Registru Pubbliku, xhedet[5] li ghamlet ricerka fir-*records* tar-Registru Pubbliku sabet li fit-2 ta' Gunju 1935, '*certu E B, kienet giet tinnotifika t-twelid tat-tifel taghha A li kien twlied fil-21 ta' Mejju 1935 f'Numru 25, Strada Santa Marija Gudja. Illi fuq dan l-att, l-istess E B iddikjarat illi hija kienet mart D B. Fuq l-istess att il-missier tat-tarbija gie indikat bhala l-istess D B. E B iddikjarat illi hija ma kinitx taf tikteb, u dan il-fatt gie imnizzel fuq l-att tat-twelid innifsu. Nghid li minn dakinhar li saret ir-registrazzjoni tat-twelid ta' Anglo B sal-lum, id-Dipartiment qatt ma gie notifikat b'xi att gudizzjarju, sentenza jew dokument legali iehor li emenda l-informazzjoni originali fuq l-istess att, u ghaldaqstant l-informazzjoni li tohrog mill-att tat-twelid tieghu ghadha l-istess kif kienet giet registrata fil-mument tar-registrazzjoni tat-twelid tieghu.'*

**Gaetano Vella,** Direttur tal-Passaporti u Registrazzjoni Civili xehed[6] li A C, sena qabel, kien oggezzjoni ghall-fatt li kunjomu fil-passaport tnizzel bhala B u mhux C u ghaldaqstant dan il-passaport baqa' ma ngabarx. Mir-ricerka rrizulta li ghalkemm fir-Registru Pubbliku il-kunjom ta' A jidher bhala B *'jidher illi fis-snin l-imghoddija meta s-Sur B kien ghamel passaporti ohra, kunjomu kien dejjem tnizzel bhala C'.* Is-Sur Vella jispjega din id-diskrepanza fil-kunjom ta' A setghat irrizultat mil-fatt li l-ewwel passaport ta' A kien mahrug probabilment fuq ic-certifikat tat-twelid mahrug mill-parrocca fejn gie mghammed fejn hemm iddikjarat li il-kunjom ta' A kien tnizzel bhala 'C' u dan baqa' jitnizzel hekk sussegwentement - '*F'kazijiet ta' tigdid ta' passaport id-dettalji fuq passaporti sussegwenti kienu jitnizzlu skont dak li kien ikun hemm fuq l-ewwel passaport, sakemm ma jkunx hemm xi tibdil ufficjali'.*

**George Saliba,** Direttur tal-Operat fl-Ufficcju Elettorali xehed[7] li fuq ricerka, mir-*records* taghhom, irrizulta li fl-

[5] Folio 86 -
[6] Folio 87
[7] Folio 88

ewwel applikazzjoni ghall-vot, A C kien indika li missieru kien Karmenu C u dan kien gie dak iz-zmien ikkonfermat u ddikjarat mis-surgent tal-ghassa li kien jaf lil A C. Sussegwentement kienu instabu diffikoltajiet dwar id-dettalji fuq A C, u allura kien moghti numru provisorju fuq il-Karta tal-Identita' (P) Jispjega li ghalkemm *'Fir-registru Elettorali ta' April 1982 A huwa indikat bhala 'A C' detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 397835M liema numru jikkorrespondi mal-Att tat-Twelid ta' 'A B'* , *'....... tul dawn is-snin il-karta tal-identita' tieghu dejjem baqghet turih bhala 'A C.'*

**Konsiderazzjonijiet**

Bla dubju jirrizulta li E B ghalkemm ufficjalment mizzewga lil F B kienet sussegwentement bdiet tikkoabita ma' F C li minnu kellha ulied fosthom lill-attur.[8] Fil-fatt F C, fit-testment tieghu datat 8 ta' Lulju 1966, ghalkemm ma jirreferix lil E bhala martu imma bhala mart F B ihalliha uzufruttwarja ta' gidu kollu.

Wahda minn tlett azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex tigi attakata il-legittimita' ta' l-ulied hija dik moghtija lill-wild taht Artikolu 84, liema azzjoni trid issir fil-parametri tal-Artikolu 82 sa 85.

L-artikoli tal-ligi li jirregolaw il-mertu tal-kawza odjerna jinstabu fil-Kodici Civili:-

**Artikolu 81.**

(1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.

[8] Skont it-testment ta' F C

(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista’ jattakka l-istat ta’ iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta’ tifel li jkollu l-pussess ta’ stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu.

**Artikolu 82.**

Fin-nuqqas tal-att tat-twelid u tal-pussess ta’ stat, inkella, jekk it-tifel ikun ġie rreġistrat taħt isem falz, jew bħala mwieled minn ġenituri mhux magħrufa, jew fil-każ ta’ supposizzjoni jew ta’ bdil ta’ tarbija, ukoll jekk f’dawn l-aħħar żewġ każijiet ikun hemm att tat-twelid li jaqbel mal-pussess tal-istat tat-tifel, il-prova tal-filjazzjoni tista’ ssir b’xiehda oħra li tista’ tinġieb skont il-liġi.

**Artikolu 83.**

Il-prova kuntrarja tista’ ssir b’xiehda li turi illi min jitlob l-istat mhux bin il-mara illi hu jgħid li hija ommu, inkella, meta hija ippruvata l-maternità, illi hu mhux bin żewġ ommu.

**Artikolu 84.**
M’hemmx preskrizzjoni għall-azzjoni ghal tifel biex jistabilixxi l-filjazzjoni proprja tieghu.

Anke qabel l-ahhar emendi fir-rigward tal-istitut tal-filjazzjoni, il-ligi kienet dejjem aktar libera meta l-attur kien it-tifel li qed ifittex dikjarazzjoni gudizzjarja dwar il-paternita’ tieghu li ma tkunx taqbel mal-Att tat-Twelid tieghu.

Fil-kawza "**Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et** deciza fil 14 ta' Jannar 1952 inghad: *"Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta' paternita' hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi. It-tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponielu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra interessati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l'impossibilita' fisika ta' koabitazzjoni*

*tal-presenti genituri tat-tifel fi zmien relevanti minhabba lontananza". "Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' ricerka tal-paternita' tieghu bil-fatt li dik l-impossibilita' fisika ma tirrizultax, l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jipposjedi stat konformi mal-att tat-twelid tieghu."*

Fil-kawza odjerna jirrizulta konflitt fid-dettalji moghtija fic-Certifikat tal-Maghmudija mahrug mill-Parrocca Santa Marija tal-Gudja min-naha, u fl-Att tat-Twelid tar-Registru Pubbliku, min-naha l-ohra.

Filwaqt li c-Certifikat tal-Maghmudija jindika li l-attur huwa iben F C u MC nee' B u dawn it-tnejn huma indikati f'dak ic-certifikat bhala li huma mizzewgin lil xulxin, l-Att tat-Twelid mahrug mir-Registru Pubbliku jindika li l-attur huwa iben D B u E mart l-imsemmi F B u bint Giuseppe Saliba.

**Artikolu 83 tal-Kap. 16** jipprovdi li: *'Il-prova kuntrarja tista' ssir b'xhieda li turi illi min jitlob l-istat mhux bin il-mara illi hu jghid li hija ommu, inkella, meta hija ippruvata l-maternita, illi hu mhux bin zewg ommu.'*

F'dan l-istadju il-Qorti, sabiex jigi determinat il-pussess ta' stat, fl-apprezzament taghha tal-provi ghandha tistabbilixxi jew jezistux *gabra ta' fatti li, mehudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.*

Artikolu 80 fis-sub inciz (2) tal-Kap 16 jipprovdi illi l-pusses tal-istat ta' persuna jigi determinat inter alia

*(a) illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu hu jghid li huwa l-iben;*

L-attur, A, kien igib il-kunjom C hekk kif jindikaw id-diversi dokumenti ufficjali bhal passaport, karta anzjan, il-vot, u l-karta tal-identita';

*(b) illi l-missier ikun ittrattah bhala ibnu, u f'dik il-kwalita, haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah;*

F C fit-testment jirreferi ghall-attur bhala wiehed minn '*uliedu u l-ulied l-istess E B'*.

*(c) illi t-tifel ikun gie dejjem maghruf bhala tali man-nies.*

*(d) illi huwa jkun gie maghruf bhala tali mill-familja.*

Rilevanti hija x-xhieda moghtija minn Romeo C u minn Henry C li t-tnejn ikkonfermaw li dejjem jafu lill-missierhom bil-kunjom C tant li anke huma stess igibu dan il-kunjom u t-tnejn ghandhom ‘il fuq minn erbghin sena. Xhedu wkoll illi dejjem qiesu in-nannu patern taghhom bhala F C u sorprizi llum kif qed jissemma D B.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-attur ressaq provi sufficjenti biex jipprova li huma m’ghandux pussess ta’ stat li jaqbel mac-certifikat tat-twelid tieghu u li missieru ma hux D B izda F C

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qieghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku billi tilqaghhom safejn kompatibbli mal-akkoljiment tat-talbiet attrici u tilqa' t-talbiet attrici bil-mod segwenti:

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara lill-attur bhala iben F C.

2. Tilqa’ t-tieni talba u tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-attur billi, f'dik il-parti dedikata ghad-dettalji ta' missieru fejn hemm miktub isem u kunjom missier it-tarbija, l-isem 'D B' u l-konnotati kollha tieghu jigu kancellati u sostitiwiti bl-isem 'F Badacchino' bis-segwenti konnotati: fejn hemm miktub il-professjoni ta' missier it-tarbija, flok "fish monger" jitnizzel "impjegat"; fejn hemm miktub fejn joqghod flok "Rabat" jitnizzel "Gudja"; fejn hemm imnizzel "Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet" (missier il-missier tat-tarbija), flok "F (alive)" jitnizzel "Joseph C (alive)"; u jigu kancellati l-kliem ‘the said’ minn hdejn it-taghrif dwar l-omm.

3. Tordna li fl-att tat-twelid tal-attur jitnizzel li l-attur ikun maghruf bil-kunjom ‘C’.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi jigu sopportati mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------